**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru, 2019**

**Rikors Numru: 313/13 MLF**

**SB Auto Limited u permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar 2014 isem is-socjeta' attrici gie korrett ghal SB Autocentre Limited**

**vs**

**Martin Cassano**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u tlieta u sebghin euro u tlieta u hamsin centezmu (€10,973.53) dovuta lilha bhala kapital u imghaxijiet fuq bejgh ta' vettura Isuzu numru tar-registrazzjoni DAC 442, skont ir-rendikont hawn anness u mmarkat Dokument A u skond il-kuntratt ta' bejgh hawn anness bhala Dokument B.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-istess ammont flimkien mal-interessi b'effett mill-1 ta' Awwissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2190/13 fl-istess ismijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat m'ghandu l-ebda debitu favur is-socjeta' attrici kif indikati fl-ircevuti annessi mar-risposta tieghu u mmarkati bhala Dok E, F, G, H, I u J.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici tinnegozja fix-xiri u bejgh ta' vetturi. Il-konvenut kien xtara u akkwista minghand is-socjeta' attrici zewg vetturi, wahda tat-tip Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni MCM 532 u l-ohra tat-tip Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni MCM 442. Ma huwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenut hallas il-prezz tal-vettura Mitsubishi fl-intier tieghu.[1]

2. Il-mertu ta' din il-kawza jitratta bilanc fir-rigward tal-vettura Isuzu. Il-partijiet kienu dahlu f'kuntratt ta' bejgh datat 16 ta' Settembru 1999 li permezz tieghu kien gie miftiehem illi l-prezz ta' din il-vettura kien ta' Lm6,600. Kien gie maqbul li minn dan il-prezz kellha titnaqqas is-somma ta' Lm1,000 rapprezentanti l-valur ta' vettura tat-tip Renault li l-konvenut ittrasferixxa lis-socjeta attrici, biex b'hekk kien jifdal bilanc favur is-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm5,600. Fuq dan il-kuntratt kien maqbul ukoll illi l-konvenut kellu jaghmel 36 pagamenti mensili fis-somma ta' Lm155 flimkien ma imghax bir-rata annwali ta' 8%.[2]

3. Il-konvenut isostni illi dwar dan in-negozju huwa dejjem kellu x'jaqsam ma' Salvu Bajada li kien gie nieqes fl-14 ta' Frar 2001.[3] Jghid li l-arrangament taghhom kien li l-

---

[1] Ara statements mahruga mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' dawn iz-zewg vetturi a *fol.* 35 u 36 tal-process.
[2] Ara l-kuntratt ta' bejgh a *fol.* 34 tal-process.
[3] Id-data tal-mewt ta' Salvu Bajada tirrizulta mix-xhieda in kontro-ezami ta' Raymond Bajada a *fol.* 81 tal-process.

hlasijiet fuq din il-vettura kellu jsir bi skaletta minghajr imghax, u cioe' billi jsiru hlasijiet f'somom akbar minn dak indikat fuq il-kuntratt ta' bejgh. Jghid li dawn il-hlasijiet kienu jsiru lil Salvu Bajada meta dan ikun qieghed Malta jew meta l-konvenut kien imur Ghawdex.[4]

4. Il-konvenut jghid li huwa ghamel diversi hlasijiet fir-rigward ta' din il-vettura u in sostenn ta' dan esebixxa numru ta' ricevuti.[5] Il-konvenut esebixxa ukoll kopja ta' *cheque* datat 15 ta' Mejju 2002 li kien gie ggirat u mhallas lis-socjeta' attrici akkont ta' din il-vettura.[6] Jghid ukoll illi huwa ghamel erba' pagamenti fi flus kontanti fis-somom ta' Lm600, Lm250, Lm500 u Lm 500, b'kollox Lm1,850 u li ta' dawn il-hlasijiet is-socjeta' attrici qatt ma tatu ricevuta.[7]

5. Raymond Bajada, direttur tas-socjeta' attrici, jikkontendi li s-socjeta' attrici dejjem harget ricevuta ghal kull hlas li kienet tircievi. Isostni li missieru Salvu Bajada kien igorr ktieb tal-ircevuti mieghu anke meta jkun Malta, u dawn il-hlasijiet kienu jigu nseriti minnu stess fuq is-sistema komputerizzata tal-kumpanija. Fir-rigward tar-ricevuti esebiti mill-konvenut, jghid li uhud minn dawk il-hlasijiet kienu saru fir-rigward tal-vettura Mitsubishi u mhux fir-rigward tal-vettura Isuzu mertu tal-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi minkejja li fl-att promotur is-socjeta' attrici taghmel referenza ghal rendikont u kuntratt ta' bejgh annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B rispettivament, mal-att promotur ma jinsab esebit l-ebda dokument.

Permezz ta' l-unika eccezzjoni mressqa in kontestazzjoni tat-talba attrici, il-konvenut qieghed jecepixxi li huwa hallas dak li kien dovut minnu lis-socjeta' attrici.

[4] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 28 tal-process.
[5] Ara ricevuti a *fol.* 5 sa 8 tal-process.
[6] Ara c-cheque a *fol.* 9 tal-process.
[7] Ara Dok I a *fol.* 43 tal-process.

Hu principju accettat mil-ligi u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-oneru illi jipprova fatt jinkombi fuq min jallega dak il-fatt. F'kawzi ta' natura civili, tali prova ghanda tkun wahda li tinduci fil-gudikant dik ic-certezza morali ghab-bazi tal-verosimiljanza u preponderanza tal-probabiltajiet. Il-fatt li l-konvenut qieghed jecepixxi l-pagament ma jnaqqas xejn mill-obbligu impost fuq is-socjeta' attrici li tipporva l-kaz taghha ghaliex b'mod generali l-parti attrici hija mehtiega li tipprova l-fatti materjali kollha li hija tallega in sostenn ghat-talba taghha. Madankollu l-prova tal-hlas trid issir minn min jallegah u f'kazijiet bhal dawn l-ahjar prova li konvenut jista' jgib hija ir-ricevuta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Scicluna vs John Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju 1951 inghad illi "*hu car li l-fatt tar-ricevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk ma hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova*". Fis-sentenza fl-ismijiet **John Grech vs Direttur tas-Sigurta` Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[8] fis-17 ta' Ottubru 2008 gie ritenut illi "*... in-nuqqas ta' esebizzjoni ta' ricevuti ma jwassalx ghal daqshekk biss biex l-allegazzjoni li jkun sar certu hlas tigi disdetta ... Dan ma jffissirx pero` li l-prova ta' dak il-hlas ma tkunx tista' ssir b'kull mezz iehor ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju ... dik il-prova, fl-assenza ta' ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti*"

Minn dan l-insenjament isegwi li f'kazijiet bhal dak odjern fejn il-konvenut jecepixxi l-pagament, ir-ricevuta mhijiex indispensabbli sabiex huwa jipprova dak minnu allegat, ghaliex il-konvenut jista' jgib provi ohra li permezz taghhom jikkonvinci lil gudikant illi effettivament dak il-hlas ikun twettaq.

F'dan il-kaz il-konvenut esebixxa sittax-il ricevuta u kopja ta' *cheque* fis-somma ta' Lm2,000 intestat lilu izda li huwa kien iggira favur is-socjeta' attrici. Ta' dan il-hlas il-konvenut jghid li ma ghandux ricevuta. Is-socjeta' attrici mhux qed tikkontendi li dan il-hlas ma sarx, tant li dan jidher indikat fil-prospett esebit minnha u immarkat bhala Dok SB1.[9] Il-kontestazzjoni tas-socjeta' attrici hija li parti sostanzjali mill-hlasijiet indikati fir-ricevuti esebiti mill-konvenut kienu jirrigwardaw debitu dwar vettura ohra tat-tip Mitsubishi li ma hijiex relatata mal-vettura Isuzu mertu ta' din il-kawza. F'dan ir-rigward, is-socjeta' attrici esebiet prospett

---

[8] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[9] Ara *fol.* 20 tal-process.

iehor immarkat Dok SB2[10] li jindika l-ammonti u d-dati tal-hlasijiet kollha li saru mill-konvenut fir-rigward tal-vettura Mitsubishi.

Il-Qorti fliet sewwa kemm ir-ricevuti esebiti mill-konvenut u kif ukoll il-prospetti esebiti mis-socjeta' attrici, u effettivament jirrizulta illi dak li qeghda ssostni s-socjeta' attrici ghandu mis-sewwa. Meta jigi mqabbel il-prospett immarkat bhala Dok SB2 mal-ircevuti esebiti mill-konvenut, jirrizulta li f'dan il-prospett hemm b'kollox tlettax-il entrata li tnax minnhom jikkombacaw perfettament mar-ricevuti esebiti mill-konvenut a *fol.* 6, 7 u 8 tal-process. L-ahhar entrata bid-data tat-13 ta' April 2002 fl-ammont ta' Lm148.57 imbaghad hija riflessa f'ricevuta ohra li tinsab a *fol.* 5 tal-process li ggib l-istess data izda hija fis-somma ta' Lm140. Ghalkemm l-ammont indikat f'din ir-ricevuta ma huwiex identiku ghal dak indikat fil-prospett Dok SB2, madankollu l-Qorti hija tal-fehema li din id-diskrepanza zghira ma taffetwax il-validita' ta' din l-entrata, u fi kwalunkwe kaz jekk kien hemm zball, dan l-izball hu favur il-konvenut.

Il-konvenut ma gab l-ebda prova li jikkontradici dan il-fatt. Hu fl-ebda hin ma sostna jew ipproduca xi prova li l-vettura Mitsubishi kien hallasha b'mod iehor u mhux permezz ta' dawk il-pagamenti li taghhom esebixxa r-ricevuti. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax hlief taccetta l-verzjoni tas-socjeta' attrici illi dawk il-hlasijiet kienu effettivament saru fir-rigward ta' vettura ohra li mhijiex dik mertu ta' din il-kawza.

Dwar il-vettura mertu ta' din il-kawza, mill-kuntratt ta' bejgh (*Hire Purchase*) iffirmat bejn il-partijiet jirrizulta illi l-prezz pattwit bejniethom kien dak ta' Lm5,600, u dan wara li mill-prezz originali ta' Lm6,600 kienet giet imnaqqsa s-somma ta' Lm1,000 rapprezentanti l-valur maqbul bejn il-partijiet ta' vettura ohra li l-konvenut trasferixxa lis-socjeta' attrici. Minn dan il-kuntratt jirrizulta wkoll li l-partijiet kienu qablu illi fuq dan l-ammont kellu jiddekorri imghax bir-rata annwali ta' 8%. Il-konvenut isostni li l-ftehim bejnu u Salvu Bajada, direttur tas-socjeta' attrici fiz-zmien li sar il-bejgh tal-vettura mertu tal-kawza, kien li fuq dan l-ammont ma kellux jiddekorri imghax. F'dan ir-rigward huwa jghid hekk: "*Kont miftiehem ma' Salvu Bajada li inhallas bis-skaletta minghajr imghax*".[11] Waqt il-kontro-ezami tieghu, meta gie ikkonfrontat bit-termini ta' dan il-kuntratt il-konvenut qal illi hu u martu kienu iffirmaw dak il-kuntratt vojt (*blank*) u jzid jghid illi: "*Salvu Bajada qalli, qalli halli f'idejja*

[10] Ara *fol.* 23 tal-process.
[11] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 28 tal-process.

*Martin. Qalli tinkwetax. Qalli kif ftehmna nghamlu. U hallejt f'idejhom hux ... Iffirmajtu jiena u l-mara iva x'hin tlajna darba ohra ghax kelli ntih pagament u qalli ffirmali dawn u ffirmajtlu lilu."*

Il-Qorti fliet bir-reqqa kemm il-kontenut tal-kuntratt *de quo* u kif ukoll ix-xhieda kollha moghtija mill-konvenut u tqis li dak li qieghed isostni l-konvenut ma jistax jitqies bhala kredibbli ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, jirrizulta li l-konvenut ma huwiex xi principjant izda persuna li jahdem ghal rasu fil-kummerc, u midhla ta' dawn it-tip ta' transazzjonijiet, tant li sena qabel kien akkwista vettura ohra minghand l-istess socjeta' attrici. Ghalhekk ma huwiex kredibbli li huwa ffirma kuntratt vojt. Fit-tieni lok, anke jekk ghal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha taccetta din il-verzjoni, bhala fatt jirrizulta li l-istipulazzjoni tal-imghax tirrizulta minn dik il-parti ittajpjata tal-kuntratt u mhux dik il-parti mimlija bl-idejn. Isegwi ghalhekk illi meta l-konvenut iffirma dak il-kuntratt dik il-parti tal-kuntratt li tipprevedi imghax bir-rata ta' 8% effetivament kienet diga indikata fuq l-istess kuntratt. Fit-tielet lok, il-principju legali *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* jippresumi illi meta l-partijiet jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, il-prezunzjoni hija li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalkemm dan il-principju ma huwiex wiehed assolut, f'dan il-kaz il-konvenut naqas milli jressaq dawk il-provi li jinducu lil din il-Qorti tiddipartixxi minn dan il-principju.

Imbaghad ghal dak li jirrigwarda erba' hlasijiet li l-konvenut jallega li ghamel fi flus kontanti u li taghhom ma ghandux ricevuta, il-Qorti tqis li din il-verzjoni wkoll ma hijiex verosomili. Il-konvenut jallega li dawn il-hlasijiet saru bejn Dicembru tas-sena 1999 u April tas-sena 2000. Biss mir-ricevuti esebiti mill-konvenut stess, jirrizulta li wara dik id-data, il-konvenut kien ghamel diversi hlasijiet li taghhom kien inghata ricevuta tant li esebihom mar-risposta tieghu. Il-konvenut ma ressaq ebda prova ghajr ghad-dikjarazzjoni tieghu li jghid li huwa kien wettaq dawn il-hlasijiet, dikjarazzjoni din li tinsab kontestata mis-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward Raymond Bajada xehed illi missieru kellu ktieb ta' ricevuti li kien igorr mieghu u l-ircevuta kienet tinhareg dak il-hin stess hekk kif isir il-hlas. Waqt is-seduta mizmuma nhar it-30 ta' Novembru 2015, din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan il-ktieb u kkonstatat illi "*l-ewwel dati gol-ktieb tal-ircevuti hija 5 t'Ottubru, 1998 u rcevuti huma kollha ta' SB Auto Centre Limited u l-ahhar ircevuta hija 2 ta' Mejju, tas-sena 2000*". Ghalhekk, il-Qorti tqis illi mill-assjem tal-provi ghandha taghti affidament u kredibilita' lic-cahda tas-socjeta' attrici li qatt ma irceviet dawn il-hlasijiet milli d-dikjarazzjoni tal-hlas maghmula mill-konvenut.

In sostenn tat-talba taghha, is-socjeta' attrici esebiet prospett immarkat SB1[12] li jindika erba' entrati rapprezentanti pagamenti maghmula mill-konvenut. L-entrata li ggib id-data tal-15 ta' Mejju 2002 tirraprezenta l-hlas maghmul permezz ta' *cheque* li kopja tieghu tinsab esebita a *fol.* 9 tal-process. It-tlett entrati l-ohra jikkombacaw perfettament mat-tlett ricevuti rimanenti esebiti mill-konvenut a *fol.* 5.

Permezz ta' din il-kawza is-socjeta' attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €10,973.53 rapprezentanti l-kapital u l-imghaxijiet mahduma sal-1 ta' Awwissu 2013. Minn dan il-prospett jirrizulta li fid-data tat-2 ta' Dicembru 2013, il-bilanc aggornat dovut mill-konvenut kien ta' €11,186.41. Jirrizulta ukoll illi peress li mid-data tal-1 ta' Awwissu 2013, il-konvenut ma ghamel ebda pagament, l-imghaxijiet ghandhom jibqghu jiddekorru fuq id-debitu principali kif mitlub.

Finalment, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jaghmel referenza ghall-artikolu 1161(a) tal-Kodici Civili li jirrigwarda dawk il-kazijiet li fihom id-dejn jitqies imhallas. Il-konvenut jissottometti li dan l-artikolu ghandu japplika stante li s-socjeta' attrici ma pprezentatx *reminders* jew ittri interpellatorji mibghuta lill-konvenut. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-artikolu 1161(a) tal-Kodici Civili huwa totalment irrilevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna. Dan l-artikolu jipprovdi li: "*Hekk ukoll id-dejn jitqies li gie mhallas jekk: (a) il-partijiet ikunu ghamlu bejniethom kontijiet generali ta' dak li l-parti l-wahda kellha taghti lill-ohrajn ghall-anqas tliet darbiet wara li jaghlaq id-dejn, minghajr ma semmew xejn dak id-dejn jew minghajr ma ghamlu ebda rizerva ghalih".* Minn dan jidher car li l-provvediment ta' l-Artikolu 1161 tal-Kodici Civili ma jsibx applikazzjoni fil-kaz odjern, stante illi c-cirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu ma jirrizultawx mill-provi prodotti f'din il-kawza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-unika eccezzjoni mressqa mill-konvenut.

[12] Ara fol. 20 tal-process.

2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u tlieta u sebghin euro u tlieta u hamsin centezmu (€10,973.53), bl-imghaxijiet b'effett mill-1 ta' Awwissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2190/13 ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**